Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 299/2018

Il-Pulizija
Spettur Mark Mercieca
Spettur Roderick Agius

Vs

Lineker David Micallef

Illum 18 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lineker David Micallef detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 196887M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar it-2 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommetta serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra;
2. Talli nhar it-3 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni filghodu minn gewwa Rizzo Service Station, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, ikkommetta serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Duncan Rizzo u/jew persuni jew entitajiet ohra;

3. Talli nhar it-18 ta' Marzu 2018, f'xi hin kmieni fil-ghodu minn gewwa Sterling Service Station, Triq Testaferrata, Msida kkommetta serq aggravat bil-hin ghad-detriment ta' Carmel Mifsud u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Talli nhar il-25 ta' Marzu, 2018 ghall-habta tal-22.30 hrs gewwa Birkirkara:

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittima tal-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor, Art. 338(ee) tal-Kap. 9;
5. Saq vettura tal-ghamla Kia Mentor bin-numru ta' registrazzjoni CAC 898 b'manjiera bla kont, perikoluza u traskurata, Art. 15(1)(a), 2 tal-Kap. 65;
6. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 636 B. Pullicino, hekk skont kif iccertifikat minn Dr. D. Pace Zammit tal-isptar Mater Dei;
7. Akkuzat ukoll talli nhar it-3 ta' April 2018 gewwa dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. U aktar talli nhar it-2 ta' April 2018 u anke matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet

moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara kuljum, kif ukoll diversi kundizzjonijiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht [garanzija] ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), (d) u (h), 18, 31, 49, 50, 226(1)(c), 261(f), 270, 281(a), 289, 338(ee) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva, mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li fih il-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li dwarhom instab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' hames mitt ewro (€500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghdet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tliet snin mil-lum bil-ghan illi jeghleb il-vizzju

tad-droga u dan billi fost ohrajn, jibda u jlesti programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li jipprovdu programmi ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u dan dejjem skont kif rakkomandat lilu mill-professjonisti li ser ikunu qeghdin isegwuh, inkluz billi jibqa' f'dan iz-zmien f'kuntatt mal-Agenzija koncernata u anke jhalli kampjuni tal-urina ghal testijiet ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti.

Ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex il-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma stabbilita fil-helsien mill-arrest taht garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit tas-26 ta' Novembru 2013, kif varjat bid-digriet tad-9 ta' Jannar 2014 ossia s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) in kwantu depositu u s-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) in kwantu garanzija personali, b'kollox ghalhekk is-somma ta' sittax-il elf u hames mitt ewro (€16,500). Konsegwentement, ordnat ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-hati f'dawk il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa ma joqghodx mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) xhur mil-lum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lineker David Micallef, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni

hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu jikkoncerna l-piena u minflok tigi applikata wahda aktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lineker David Micallef huma s-segwenti u cioe`:-

Piena

Illi permezz ta' nota ta' sospensjoni ffirmata nhar it-18 ta' Gunju 2018 l-appellant wera l-intenzjoni tieghu illi jappella mis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet fl-umli fehma tal-appellant wahda eccessiva, illi ma tirrispekkjax il-fatti tal-kaz odjern. Illi l-appellant ikkopera bis-shih mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fi stadju ferm bikri tal-proceduri. Illi jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-partijiet kienu gabu a konjizzjoni tal-Magistrat sedenti illi kien maqbul minn kulhadd illi l-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettivi kienet wahda idonea fic-cirkostanzi. Illi jirrizulta wkoll illi l-ewwel Onorabbli Qorti mhux biss erogat piena d-doppju ta' dak rakkomandat u miftiehem u cioe` ta' tmintax (18)-il xahar izda ordnat il-konfiska tal-licenzja ghal 8 xhur, multa ta' hames mitt ewro (EUR 500), kif ukoll il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali li l-appellant kellu fi proceduri ulterjuri, liema somma tammonta ghal Eur 16,500, oltre Ordni ta' Trattament ghal tliet snin.

Illi *ictu oculi*, jirrizulta illi filwaqt li l-appellant kellu jinstab hati u jhallas ta' ghemilu, jidher illi l-piena erogata kienet wahda eccessiva u ferm aktar harxa minn dak propost konguntivament bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll illi hekk kif indikat taht id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali illi jitrattaw rigward il-konfiska tad-depozitu tal-helsien mill-arrest, dan it-tehid huwa wiehed diskrezzjonali illi f'dan il-kaz certament ma kellux jigi applikat.

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-16 ta' April, 2019 xehed l-appellant **Linneker David Micallef** u pprezenta ittra li kiteb il-habs nhar is-16 ta' April, 2019. Qal li kemm kien ilu il-habs kien qed

jipprova jaqta' l-methadone, ried jahdem biex jitla' programm u dan sabiex ikun jista' johrog mill-habs u irabbi it-tifel li ghandu flimkien ma l-gharusa tieghu Ellie. Jghid li fil-fatt Ellie gja kienet bdiet il-programm. Qal li dak li kien ghamel ghamlu minhabba problema li huwa ghandu minhabba abbuz ta' droga u mhux biex isir sinjur u ghalhekk xtaq li jinghata il-fakolta li jibda il-programm.

Illi nhar it-28 ta' Mejju, 2019 xehed bil-lingwa Ingliza **David Mellors**, bhala ufficcjal tal-habs. Spjega illi huwa responsabbli ghat-tehid tat-testijiet tal-awrina tal-prigunieri sabiex jigu ezaminati ghall-presenza o meno ta' sustanzi illeciti u li huwa responsabbli tad-dixxiplina fil-habs. Spjega li l-habs jiehdu testijiet tal-awrina minghajr pre avviz izda jihdu ukoll testijiet fuq talba tal-ufficcjali tal–Probabtion.

Fir-rigward tal-appellant stqarr li gew mehuda diversi kampjuni tal-awrina u sar test fuqhom ghall-presenza ta' sustanzi illeciti u jghid li t-test datat 28 ta' April, 2018 ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga waqt li t-testijiet ta' wara sa l-24 ta' Mejju, 2019, (kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu u markat bhala dok DM ) taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' sustanzi illeciti. Ipprezenta ukoll il-file tal-appellant fejn minn esami tieghu jirrizulta li l-appellant kellu xi kazi ta' dixxiplina qabel ma dahal il-habs fuq dan l-istess kaz fejn sahansitra anke kellu telf ta' '*days of remission*'.

Ikkonferma li kien qed jahdem fil-forn tal-habs b'mod regolari, kuljum.

Mistoqsi kif jaf lill-appellant jghid li ilu jafu bhala habsi ghal dawn l-ahhar tmintax-il xaghar. Mistoqsi, meta gie ammess il-habs ix-xhud jghid li kien fid-19 ta' Jannar, 2019. Qal li b'referenza ghal kaz in desamina l-appellant kien inghata l-liberta provisorja izda kien kiser l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probabtion u kien ghalhekk li gie mibghut il-habs.

Fit-23 ta' lulju, 2019 rega xehed u pprezenta hames rizultati ohra dwar testijiet li saru fuq il-kampjuni tal-awrina tal-appellant li ilkoll taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Ikkonferma li ma kellux aktar rapporti dwar dixxiplina u ghalhekk ghandu *record* nadifa u kien ghadu qed jahdem fil-forn.

L-**ufficcjal tal-Probation Maria Mifsud** xehdet nhar it-28 ta' Mejju, 2019 u spjegat li ghamlet zmien issegwi lill-appellant u qalet li l-ahhar kuntatt li kellha mieghu kien fil-11 ta' Frar, 2019 meta marret taghmel it-*termination session* il-habs peress li kienu spiccaw l-Ordnijiet li kienet inghatat. Qalet li tiftakar li dakinhar kienet heggitu jaghmel sessjonijiet ma psikologa u dan sabiex jahdem fuqu innifsu u fuq ir-responsabilitajiet ta' ghemilu u jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni. Qalet ukoll li f' Jannar 2019 saret taf minghand omm Lineker li dan spicca rikoverat l- isptar Mater Dei fis-sessjoni tal-kura Intensiva u dan ghaliex kien qed jissilet ghall- hajtu.

Spjegat li l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga sa min mindu kellu tlettax-il sena pero qalet li inghata diversi opportunitatjiet sabiex jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga pero dan dejjem ghazel li ma jibbenfifikax minnha. Qalet li f'Settembru, 2018 Linneker kien qieghed jaghmel programm ta' rihabilitazzjoni gewwa is- shelter ta' San Blas u l-istaff kienu infurmawh li hu kien qed jallega li kellu ugiegh f'sidru u tellghuh l-isptar u imbaghad kiser xi regola kardinali u spicca imkecci. Ikkonfermat li kemm damet issegwih qatt ma ghamel xoghol regolari ghalkemm tghid li jinqala' fejn jinvolvi xoghol ta' l-idejn.

Qalet li ilha issegwih mis-sena 2015 u l-*concern* taghha kien sabiex l-appellant jahdem fuq il-problema li huwa kellu ta' abbuz ta' droga u kien ghalhekk li dahlet zewg denunzji.

Fis-17 ta' Ottubru, 2019 xehed **Noel Cassar** bhala rappresentant tal-Caritas u gie mitlub jghamel rapport min naha tal-Caritas u stqarr li minkejja li l-appellant jinsab il-habs jiskonta sentenza ta'prigunerija, l-appellant talab volontarjament jibda programm mill-Caritas. Fil-fatt wara li ssodisfa r-rekwiziti beda l-programm fid-9 ta' Settembru, 2019. Mistoqsi jekk johdulux *urine tests* kemm ilu maghhom fil-programm jghid li iva fil-hames gimghat li kien ilu maghhom gja hadulu zewg kampjuni u dawn gew ittestjati u taw rizultat negattiv ghall-presesnza ta' droga. Qal li huwa johrog u jiltaqa' mal-pubbliku pero ikun akkompanjat minn xi hadd tal-Caritas Fil-present jinsab residenti fil-Prison Inmate Programme gewwa il-Caritas, u ghalhekk jinsab speci '*on prison leave*' mill-habs. Bhala programm baqaghlu sebgha xhur u nofs u dan ghaliex il-programm hu twil disa' xhur.

Minn qari tar-rapport tieghu jirrizulta li l-appellant hu persuna li huma jikkunsidraw bhala persuna li jista" jigi fdat b'bicca xoghol u jghamilha b'responsabilita. Persuna li ma jghamilix ta' rasu anzi jikkonsulta isaqasi b'mod edukat jagixxi fuqha. Qal li fih raw bidla kbira qed jiehu l-programm bis-serjeta, u fil-fehma tieghu ikun hasra jekk ma ikunx hemm kontinwazzjoni kif suppost biex b'hekk ma jitlifx dak li ha mill-programm.

**Helenio Galea** xehed nhar id-9 ta' Jannar, 2020 u kkonferma li minn mindu l-appellant dahal il-habs kien hemm biss rizultat wiehed posittiv ghall-presenza ta' droga Morfina u dan kien fl-24 ta' April, 2018 u minn dak in-nhar 'l qudiem itttihdulu tlettax-il urine test iehor u dawn taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga, u l-ahhar test li ittihditlu kien fit-2 ta' Lulju, 2019 fejn wara beda l-programm. Ikkonferma li kien ghadu qed jiskonta sentenza ta' prigunerija minkejja li kien qed jghix il-Caritas.

Ikkunsidrat,

Illi minn esami tal-provi akkweziti f'dan il-process jirrizulta li l-appellant kien ikkoopera hafna mall-ufficcjal tal-prosekuzzjoni fl-istqarrija li huwa irrilaxja nhar it-3 ta' April ,2018 markata bhala dok MM5[1], u in oltre nhar is-7 ta' Mejju, 2018 kien sahansitra anke irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti ( fol. 73).

Illi dakinhar stess meta irregistra ammissjoni d-difiza talbet li jigi nominat ufficcjal tal-probation sabiex jirredigi pre- sentencing report dwar l-appellant. Jirrizulta li permezz ta' nota pprezentata fl-atti nhar l-14 ta' Mejju, 2018, l-Qorti giet infurmata li l-ufficcjal tal-probation li giet nominata biex taqdi dan l-inkarigu kienet Maria Mifsud. Illi permezz ta' rikors prezentat minnha fl-atti nhar it-18 ta' Mejju, 2019, l-ufficcjal tal-Probabtion Mifsud spjegat lill-ewwel Qorti li kienet gja qed tiehu hsieb lill-appellant fuq zewg Ordni ta' Probabtion ohra, pero peress li dak iz-zmien l-appellant ma kienx qed juri xi motivazzjoni biex ibiddel hajtu kienet ipprezentat zewg denunzji fir-rigward taz-zewg Ordnijiet li hija kellha, wahda minnhom fit-30 ta' Awwissu, 2017 u l-ohra fit-23 ta' Marzu, 2018.

[1] Fol-27ta' l-atii

Rat ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probabtion Maria Mifusd prezentat f'dawn l-atti nhar l-4 ta' Gunju, 2018, liema rapport hu markat bhala dok MM. Tispjega li l-appellant beda l-hajja kriminali tieghu meta kien ghad ghandu sittax-il sena. Minn dak in-nhar 'l quddiem l-appellant tressaq il-Qorti u instab hati ta' diversi reati. Tghid li fil-passat kien anke qed jigi segwit fuq diversi sentenzi. Ikkonfermat li fil-fatt kienet ipprezentat zewg denunzji fil-konfront tieghu u dan ghaliex ma kienx qed isegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probabtion. Eventwalment tghid li l-appellant inghata sentenza ta' sentejn prigunerija b'rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jinghata l--ghajnuna necessarja sabiex jindirizza l-problema dwar abbuz ta' droga li hu ghandu.

Dwar l-familja tal-appellant tghid li l-appellant ghandu relazzjoni ma tfjala Ellie u ghandhom tarbija in komuni li fil-present tinsab f 'familja fostering. Pero ommu tatih hafna ghajnuna u appogg tant li anke qed isegwi kors tal- fostering bil-ghan li jerghu jiehdu it-tarbija fil-familja. Qalet li l-appellant kellu impieg wiehed regolari biss li dam ghall-perijodu ta' ghaxar xhur. Tghid li l-appellant inghata diversi opportunitajiet sabiex jindirizza il-problema tad-droga pero dan ma bbenefikax minnhom. Hija ssuggeriet lill-ewwel Qorti sabiex l-appellant jinghata piena karcerarja sabiex jifhem il-konsegwenzi ta' ghemilu u jaghmel programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga .

Rat il-fedina penali tieghu esebita f-atti li hija wahda reflettarja. Rat it- trattazzjoni datilografata li kienet saret quddiem l-ewwel Qorti fejn l-avukat difensur stess kien irrikokoxxa li l-appellant ghandu il-vizzju tad-droga u li kellu jigi kkundannat piena karcerarja pero f'perijodu inqas u cioe dak ta' disa' xhur.

Il-Qorti rat dak li iddisponiet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u cioe li dan il-kaz jimmerita piena ta' prigunerija. Din il-Qorti qiset ukoll dak li stqarret l-ewwel Qorti u cioe li hadet nota ta' dak li kellha xi tghid il-probabtion officer, il-fedina penali u l-antecidenti tal-appellant, flimkien ma l-ammont ta' droga involuta f'dan il-kaz li kien ta' 4.8 grammi bi purita ta' circa 10%. Rat li l-ewwel Qorti f'dan ix-xenarju dehrilha li l-piena idoneja hija dik ta' tmintax-il xahar prigunerja fir-rigward tal-akkuzi, wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, sebgha u tmien akkuza. Rigward

il-hames akkuza ikkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500) li jithalsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' €50.

Ikkunsidrat.

Illi l-appell tal-appellant hu wiehed ibbazat limitatament fuq kwistjoni ta' piena u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-piena inflitta kienet wahda eccessiva.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[2] l-Qorti sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[3] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[4] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[5]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar iil-15 ta' Frar, 2012

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[5] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard</u>**[6], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi</u>**[7] : il-Qorti kkunsidrat li:-

'*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

Ikkunsidrat,

Jigi rilevat minn din il-Qorti li s-sentenza li inghatat mill-ewwel Qorti iggib id-data ta' 18 ta' Gunju 2018 u jidher li skond l-pre-sentencing report redatt mill-Ufficcjal tal-Probation irrizulta li l-appellant kellu problema ta' abbuz ta' droga u li in fatti kien gja beda jikkonsma d-droga sa meta kellu eta zghira, ta' tlettax-il sena. Jidher ukoll li skond dan ir-rapport id-droga kienet il-kawza li kienet qed twassal lill-appellant sabiex jikkometti ir-reati anke dawk akkuzat bihom f'din l-istess kawza. Dwar dan l-ewwel Qorti ukoll irrakkontat f'dan ir-rigward. Jirrizulta ukoll li fil-passat l-appellant ghamel diversi tentattivi sabiex jipprova jindirizza din il-problema tant serja.

Jidher pero li f'dan ir-igward is-sitwazzjoni illum inbidlet u dan ghaliex l-appellant ghamel progress kbir kif del resto jikkonfermah ir-rappresentant tal-Caritas Noel Cassar li jghid li jkun hasra li kieku ma jkunx hemm kontinwazzjoni fil-prgramm li huwa beda mal-Caritas u b'hekk ma jitlifx dak li gja ha mill-programm. Izid jghid li l-appellant kien qed jghamel passi tajbin fil-programm u dan jawgura tajjeb biex

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta' Jannar 2001

[7] Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009

jibbenefika minn iktar passi 'l quddiem li fuq kollox ikomplu isahhuh fl-irkupru tieghu. Fisser ukoll li f'April 2020 l-appellant kellu jibda l-ahhar fazi fejn possibilment ikollu l-opportunita' li jesperjenza xoghol u jkollu aktar lok fejn jipprattika dak li qed jitghallem u jibda' ihejji ruhu sabiex jibda' jikkontribwixxi lura lejn is-socjeta'. Huwa bniedem habrieki u ta' sengha u dan jghinu sabiex isib impieg.

Helenio Galea rappresentant tal-Facilita Korrettiva jghid ukoll li l-appellant ghamel programm u mit-tlettax-il kampjun tal-awrina li huwa kellu jesamina dawn kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' droga. Xehed ukoll David Mellors rappresentant iehor tal-Facilita Korrettiva ta' Krodin li stqarr li kemm ilu fil-habs l-appellant in konnessjoni ma dan il-kaz dan ghamel progress kbir tant li lanqas rapport wiehed dwar nuqqas ta' dixxiplina ma ghandu fil-konfront tal-appellant kuntrarjament ghal dak li kien isehh fil-passat.

Ghalhekk jidher li l-parametri dwar l-appellant illum inbidlu fis-sens li qed jirriabilita ruhu, huwa 'clean' mit-tehid ta' droga u li rapproti dwar nuqqas ta' obbidjenza gewwa l-habs ma hemmx.

Illi din mhiex kwistjoni jekk din il-Qorti ghandiex tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti minhabba kwisjtoni ta' htija izda hemm talba biss sabiex tigi modifikata l-piena inflitta.

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** [8]:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja*

[8] moghtija fit-28 ta' Novembru 2006

*kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbilitajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni moghtija ta' tmintax il-xahar izda hija ghandha tara kif tista' tinkoraggixxi lill-appellant sabeix jibqa' fuq it-triq it-tajba minkejja li is-seba' reat li hu akkuzat biha jimponi piena ta' prigunerija b'mod tassattiv. Huwa car li l-appellant qieghed il-habs ghalkemm qed jghix il Caritas ghaliex jinsab isegwi programm ta' Prison Inmate Programme u tassew jidher illi rriforma ruhu u d-diffikultajiet illi kellu qabel qed jigu indirizatai b'mod posittiv. Ghalhekk il-Qorti ghalkemm ma tixtieqx illi tkompli tghakkes lill-appellat b'sentenzi ohra ta' priguneriji illi jistghu jkunu ta' detriment kemm ghalih kif ukoll ghas-socjetà li taghha jaghmel parti ma tistax tghamel mod iehor stante li l-piena tat-tmien akkuza hija wahda ta' prigunerija stante li l-ewwl Qorti sabitu hati tar-reat ta' pusess ta' droga aggravat.

Illi pero in vista ta' dak kollu li intqal aktar 'l fuq din il-Qorti sejra tirriduci it-terminu ta' prigunerija u dan sabiex taghti messag lill-istess appellant li l-isforz li huwa qed ighamel sabiex jindirizza il-problema li kellu ta' abbuz ta' droga qed jigi notat u tawgura li jkompli sejjer fuq din it-triq it-tajba.

Ghalhekk fir-rigward tal-piena imposta rigward il-htija tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien akkuza filwaqt li qed tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fir-rigward l-htija qeda timmodifika il-quantum taz-zmien ta' prigunerija impost minnha u ghalhekk minflokk ma tikkundannah ghal zmien ta' tmintax-il xahar prigunerija qed tikkundannah ghal zmien ta' hdax-il xahar prigunerija u qed timmodifika ukoll il-multa inflitta stante li l-appellant illum jinsab ghadej programm residenzjali u minflokk li ser tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt euro (€500) qeda tirriduci din il-multa ghas-somma ta' tlett mitt euro (€300) liema multa tista tithallas kif ordnat mill-ewwel Qorti f'rati mensili u

konsekuttivi ta' hamsin euro (€50) u f'kaz li l-appellant ma jhallasx pagament wiehed il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Din il-Qorti qed tikkonferma l-Ordni ta' Trattament mahrug ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 kif ordnat mill-ewwel Qorti u dan ghal zmien tlett snin li jibdew jiddekorru mill illum bil-ghan li jgheleb dan il-vizzju ta' droga u ghalhekk qed tordna li ghandu ikompli u jispicca il-programm minnu mibdi u isegwi l–andament u ordnijiet moghtija lilu minn Dr. Moses Camilleri li qed jigi nominat biex isegwi lill-appellant bhala esepert fil-medicina fejn jidhol abbuz ta' drogi u ghalhekk l-appellant ghandu ukoll jghati kampjun tal-awrina tieghu kull meta jigi hekk mitlub mill-espert nominat mill-Qorti, u l-espert mill-Qorti qed jigi mitlub jghamel rapport lil Qorti wara sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza biex igharaf lil-Qorti dwar il-qaghda ta' l-istess appellant.

Tordna ghalhekk kif ordnat mill-ewwel Qorti li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin bil ghan li jhalli lill-appellant jkompli is-segwi il-programm ta' rihabilitaxjoni li huwa gja beda u kopja ta' din is-entenza ghandha tintbaghat lil Dr Moses Camilleri .

Il-Qorti tawgura lid dirigenti tal-Caritas sabeix tasal f'arrangement kif fil-fatt Dr. Moses Camilleri jkun jista' jsegwi l-andament tal-appellant gewwa il-programm residenzjali .

Dwar it-tmien akkuza u cioe' li l-appellant naqas li josserva kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) u cioe l-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor waqt l-andament ta' dawk il-proceduri u li jiffirma l-ghassa tal-pulizija ta' B'kara jinghad li dan ir-reat jirrizulta ukoll u stante li l-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet huma ta' konsegwenza serja il-Qorti u ghalhekk b'zieda mal-piena fuq inflitta qed torda li is-somma stabilita bhala garanzija meta l-appellant inghata l-helsien mill-arrest b'digriet tal Qorti tas-26 ta' Novembru 2013 kif varjat b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2014 ossia is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500) in kwantu depositu u s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) b'garanzija personali , b'total ta' sittax-il elf u

hames mitt euro ( €16,500) jigu konfiskati favur il-Gvern u tikkonferma l-ordni tar-revoka tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal- hati f'dawn il-proceduri.

Qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorit fejn ordnat li ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kap 65 l-appellant jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) xhur mill-illum.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef